Novena Milied 2012 ...

INTERVISTI MAL-ANĠLI TAL-MILIED

1. L-Anġlu li deher lil Żakkarija
2. L-Anġlu li deher lil Żakkarija
3. L-Anġlu li deher lil Marija
4. L-Anġlu li deher lil Marija
5. L-Anġlu li deher lil Marija
6. L-Anġlu li deher lil Ġużeppi
7. L-Anġlu li deher lil Ġużeppi
8. L-Anġlu li deher lir-Ragħajja
9. Anġlu li kanta l-Glorja ma' sħabu

1. L-EWWEL PARTI TA' INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LIL ŻAKKARIJA

A. Gabriel, qabel ma tkellimna fuq Żakkarija, tista' tgħidilna xi ħaġa fuq is-sehem tagħkom l-Anġli, fil-Ġrajja tal-Milied?

B. Aħna l-Anġli ħadna gost ħafna bl-inizjattiva tagħkom li tintervistaw lilna. Aħna maħniex l-iktar importanti fl-Istorja tal-Milied. L-iktar importanti jibqa' dejjem Ġesu'. Imma s-sehem tagħna kien kbir u utli ħafna. Aħna mhux biss wassalna messaġġi lil Żakkarija, Marija, Ġużeppi, imma aħna messaġġ għalikom ukoll. Dak li Alla għamel permezz tagħna, irid jagħmlu permezz tagħkom ukoll. F'dawn il-ġranet ta' l-Avvent, speċjalment, qisu li bħalna tkunu messaġġiera t'Alla, billi tressqu lejh u lejn is-Sagramenti xi nies li għal xi raġuni oħra huma 'l bogħod minnu. Tħallux il-Milied igħaddi bla ma tkun ressaqt ftit nies mill-ġdid lejn Ġesu'.

A. X' tgħidilna fuq l-għażla tal-ħin li fih ġejt mibgħut twassal il-messaġġ tal-Mulej lil Żakkarija?

B. Qed nieħu gost li għamiltli din l-osservazzjoni. Kif igħid Luqa, il-messaġġ wassaltulu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija, "waqt li kien qed jaqdi dmiru ta' qassis quddiem Alla.....- u skont id-drawwa tal-liturġija, kien fis-santwarju tal-Mulej ħalli jaħraq l-inċens (1, 8-9). Kien "wieqaf in-naħa tal-lemin ta' l-altar ta' l-inċens" (1, 11). Għax il-Liturġija tibqa' l-mument privileġġat fejn il-Mulej iwassal il-messaġġi tiegħu. Jekk tridu tagħmlu Novena ta' tħejjija bis-sens, qisu li ma tħallux jum wieħed minnha bla ma tieħdu sehem fil-Quddiesa. U ressqu ħafna u ħafna oħrajn. L-aqwa preparazzjoni għall-Milied hi s-smigħ attent tal-Kelma t'Alla fil-Quddiesa.

A. Mulej, agħmilna messaġġiera ta' l-imħabba tiegħek. Għallimna nkunu evanġeliżżaturi tiegħek, mimlija fidi u entużjażmu. Agħtina kuraġġ nitkellmu fuqek u nressqu ħafna nies lejk, biex nagħmlu Novena bis-sens u Milied bil-ferħ. Ammen.

2. IT-TIENI PARTI TA' INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LIL ŻAKKARIJA

A. Mill-messaġġ li wassalt lil Żakkarija, x'laqat l-iktar lilek stess int u twassalulu?

B. La kien messaġġ tal-Mulej, kull kelma tiegħu kienet importanti, anzi imprezzabbli. Il-Mulej ma jgħidx kliem vojt u bla sens. Imma la staqsejtni ngħidlek x'laqatni l-iktar. Kienet il-parti fejn għedtlu: "Huwa (ibnek Ġwanni) ireġġa ħafna minn ulied Israel lejn il-Mulej Alla tagħhom.....u lil dawk li ma jridux jobdu, ireġġagħhom għall-għaqal tal-ġusti" (Lq 1, 16-17). U tassew hekk kien. Intom tafu x'għamel Ġwanni meta kiber. Ingħata kollu kemm hu biex bil-kelma u bl-eżempju, u bil-kuraġġ u bis-sinċerita' tiegħu, ħafna nies jikkonvertu mill-ġdid lejn Alla. La beża' minn sagrifiċċji, u lanqas mill-mewt, tant li stħoqqlu t-tifħir kbir ta' Ġesu'.

A. Minn dak li qed tgħid, tara xi messaġġ prattiku għalina, speċjalment għal żmien in-Novena tal-Milied.

B. Mhux għal żmien in-Novena biss! Trid tkun determinazzjoni kontinwa tagħkom li tħobbu lil Ġesu'. Ma tistgħux tħobbuh weħedkom. Ma tistgħux tikkuntentaw ruħkom li titolbu, tirċievu s-Sagramenti u titgħallmu fuq Ġesu' intom biss. Dak ikun egoiżmu spiritwali. Ma jistax ma jimpurtakomx ħafna min-numri kbar ta' nsara li tbiegħdu minn Ġesu'. Ġesu' jrid jissellef il-ħin tagħkom, il-vuċi tagħkom, l-interess tagħkom, biex ħafna nies jerġgħu jersqu lejh. Żidu fit-talb, għamlu xi sagrifiċċji, u oħolqu kuntatti u diskors, biex bħal Ġwanni, għall-Milied, tressqu kemm tistgħu nies lejn il-Qrar, u l-Ewkaristija u t-Tagħlim.

A. Mulej, biex tifdina, Int għamilt distanza infinita – mis-sema ġejt fl-art. Agħmel li ma nevitaw ebda sagrifiċċju, lanqas il-mistħija, biex dal-Milied inħabbu mill-ġdid miegħek lil ħafna minn ħutna li abbandunawk. Ammen.

3. L-EWWEL PARTI TA' INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LIL MARIJA

A. Gabriel, meta mort tħabbar lil Marija , x'laqtek l-iktar fir-reazzjoni tagħha għal dak li għedtilha?

B. Ħafna nies tolqothom ir-reazzjoni finali, tal-fidi u ta' l-abbandun totali ta' Marija, f'idejn l-għerf t'Alla. U dik hi l-attitudni prinċipali u eżemplari tagħha. Imma lili laqtitni wkoll ir-reazzjoni umana tagħha. Bdiet biex beżgħet. Anzi, eżatt kif jirrakkonta Luqa (1, 29-30) "tħawdet ħafna". Għax ġiet mitluba affarijiet diffiċli. Żgur li ma riditx tgħid le. Imma ma rrinunzjatx għall-intelliġenza tagħha. Staqsiet il-"kif jista' jkun dan" (Lq 1,34) tagħha, biex tadatta ruħha u ħajjietha, fid-dettalji, għall-pjan t'Alla. Ir-raġuni ma rathiex ostaklu għall-fidi, imma mezz biex tiskopri iktar x'ried sew Alla minnha.

A. Lilna l-bnedmin ta' llum, din ir-reazzjoni ta' Marija, taħseb li tagħtina xi messaġġ?

B. Kbir ukoll! U attwali ħafna. Qedgħin fis-Sena tal-Fidi. Lill-Mulej għandna nemmnuh u nobduh anke meta ma nifhmuh xejn. Hu għandu dejjem raġun, kif tatu raġun Marija, anke meta ma fehmitx. Imma Alla ma jridx jittrattakom qisu kontu l-iskjavi tiegħu. Ma jsibx diffikulta li tagħkom tkun fidi li tfittex ukoll l-argumenti. Għalhekk titgħallmu. Għalhekk il-priedki, għalhekk il-korsijiet, għalhekk il-qari tajjeb. Kif kitbilkom l-Appostlu Pietru (1 Pt 3, 15) biex tkunu "dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom". Itolbu lil Marija tgħinkom issibu bilanċ bejn il-fidi u r-raġuni. U tul din in-Novena tgħallmu kemm tistgħu.

A. Mulej, irridu nibdew billi ngħidulek li aħna nemmnu fik b'għajnejna magħluqa – tgħidilna x'tgħidilna. Imma agħtina l-ħeġġa li nitgħallmu kemm nistgħu dwar il-fidi tagħna, anke biex nitgħallmu nkunu difensuri qalbiena u ħelwin tal-Vanġelu Tiegħek. Ammen.

4. IT-TIENI PARTI TA' INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LIL MARIJA

A. Wara li tajt il-messaġġi li kellek tagħti lil Marija, bqajt isseqwiha xi ftit, biex tara x'ġara?

B. Jista' jonqos? Ma ħabbartilhiex affarijiet li jgħaddu malajr. Laqatni l-interess kbir u immedjat li ħadet Marija fuq il-każ li semmejtilha jien dwar il-qariba tagħha Eliżabetta, li "fi xjuħitha, hi ukoll nislet iben fil-Ġuf" (Lq 1, 36). Interessanti tinnutaw li malli tlaqt minn quddiem Marija, hi, li issa kienet mimlija b'Ġesu' ġo fiha, l-ewwel ħaġa li għamlet kienet azzjoni ta' servizz lill-oħrajn. Luqa ddeskriviha hekk: "qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet" (Lq 1,39). U baqgħet ma' Eliżabetta għal xi tliet xhur" (Lq 1,56). Il-fidi f'Alla ssarrfet f'għajnuna lill-proxxmu fil-bżonn. Kif iktar tard qal Ġesu' stess "kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (Mt 25, 40)

A. F'das-sens, kif għandha tkun ir-reazzjoni ta' fidi tagħna fi żmien in-Novena u fi żmien il-Milied?

B. Trid tkun reazzjoni bilanċjata u sħiħa, bħar-reazzjoni ta' Marija. Ma tistax tkun imġieba maqtugħa mill-fidi. Għalhekk importanti li speċjalment f'daż-żmien, iżżidu s-sehem fit-talb u r-riflessjoni, ir-resqan lejn is-Sagramenti, u s-smigħ tal-Kelma t'Alla b'kull mod li tistgħu. Il-bniedem tal-fidi mhux il-bniedem li sempliċiment igħin lill-proxxmu, kif jaħsbu anke xi nsara. Il-ħin fuq l-irkopptejn quddiem Ġesu' mgħaddhiex żmienu. Imma lanqas tista' tkun fidi maqtugħa mill-għajnuna lil min hu fil-bżonn. F'dal-ġranet fittxu b'kull mod li tkunu qrib min hu mnikket, waħdu jew qalbu maqtugħa. Agħmel bħal Ġesu' fl-Inkarnazzjoni. Fittxuhom intom.

A. Mulej, agħtini fidi ħajja fik, li tissarraf mhux biss f'atti ta' qima lejk, imma anke f'servizz lill-proxxmu, mogħti b'ġenerożita' u sens ta' interess urġenti. Iftaħli qalbi għalik u għal kull min jeħtieġ is-servizzi tiegħi.

5. L-AĦĦAR PARTI TA' INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LILMARIJA

A. Laqtek xi ħaġa oħra fil-mod kif ġabet ruħha Marija wara t-Tħabbira tiegħek?

B. Iva! U marbuta wkoll maż-Żjara li għamlet lil Eliżabetta. Ma setax ma jolqotnix dak l-Innu meraviljuż (Lq 1, 46-55) li Marija kienet mimlija b'Ġesu', bil-Kelma t'Alla. Kliemha kien mużajk ta' riferenzi għall-Iskrittura. F'dak l-Innu wriet kemm kellha idea kbira u sabiħa t'Alla: il-Mulej (is-Sinjur), is-Salvatur, is-Setgħani, il-Qaddis. U hi, quddiemu, żammet lilha nnifisha bħala l-qaddejja ċkejkna tiegħu. U l-Mulej innota din l-umilta', u għollieha. Għamel magħha ħwejjeġ kbar. Għax miegħu, min jiċċekken jitkabbar (Lq 14, 11).

A. Skond Int,din l-attitudni ta' Marija tgħidilna xi ħaġa lilna l-insara ta' llum?

B. Mhux xi ħaġa! Volumi! Hu dak li għandha terġa tiskopri s-soċjeta' ta' llum, li qed titlef 'l Alla, u mhix tinduna. Jekk mhux ukoll kburija. Il-bniedem, jagħmel kemm jagħmel progress, ma jistax igħix bla Alla. Mingħajru jifga. Mingħajru il-progress li tagħmel id-dinja, joħloq problemi ikbar mill-istess progress. Jien, fit-Tħabbira tiegħi, għedtilha kemm sa tkun kbira. Eliżabetta stess sejħitilha Omm il-Mulej (Lq 1, 43). Imma Marija baqgħet temmen fiċ-ċokon tagħha, u fil-kobor tal-Mulej. Fittxu li f'dal-ġranet tqimu lil Ġesu' Ewkaristija, iktar spiss mis-soltu, u b'fidi akbar.

A. Mulej, jekk Marija żammet lilha nnifisha ċkejkna quddiemek, mela xi jmissni nagħmel jien. Għallimni nfaħħrek u nqimek, ninxteħet spiss għarkuptejja quddiemek, u nżomm ruħi talli jien: qaddej li ma niswa għal xejn.(Lq 17, 10). Ammen.

6. L-EWWEL PARTI TA' INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LIL ĠUŻEPPI

A. Inti kellek ix-xorti tħabbar lil Ġużeppi. X'impressjonak fl-imġieba tiegħu?

B. Intom żgur qrajtu l-Vanġelu ta' Mattew u ta' Luqa dwar it-Twelid ta' Ġesu'. Forsi jgħaddilkom minn moħħkom li Ġużeppi seta kien mutu. Li ma kienx il-każ. Lili kellimni wkoll. Imma l-Vanġeli ma jġibuh qatt jitkellem, propju biex jemfasiżżaw il-prudenza tiegħu, it-tendenza tiegħu li jirrifletti iktar milli jpaċpaċ. Dak hu eżatt dak li laqat lili. Hu tkellem mill-inqas, biex ikun jista' jisma' b'mod aktar fin u eżatt għal dak li ried igħidlu l-Mulej. Kien silenzju mimli smigħ. Kien silenzju attiv. Kien silenzju eżemplari. Kien silenzju jitkellem. Kien silenzju mimli messaġġi.

A. Mela kif qed tgħid int, Ġużeppi qed jagħmlilna priedka bis-skiet tiegħu. Xi jrid igħidilna sew?

B. Jien naħseb li għalikom għandu messaġġ veru meħtieġ u utli. Intom qed tgħixu f'kultura u atmosfera ta' storbju, ġiri u attiviżmu kontinwu. L-ispirtu hu kkurat ftit li xejn. Dejjem sejrin. Kwazi tibżgħu tkunu weħedkom, magħkom infuskom biss. Imma mingħajr silenzju u riflessjoni, la tistgħu tiskopru lill-Mulej u r-rieda tiegħu, u lanqas lilkom infuskom. Bla skiet intern u kultant estern, ma tistgħux tiskopru u tħaddmu r-riċetti għall-paċi u għal relazzjonijiet sodisfaċenti. Fittxu li f'dawn il-jiem, issibu ftit iktar ħinijiet ta' skiet attiv, fejn tisktu intom, u tħallu lill-Mulej ikellimkom Hu, kif jaf.

A. Mulej, kemm nixtieq insir kapaċi niskot ftit fit-tul quddiemek! Għinni nitgħallem ma nibżax mis-silenzju, inkella jkun kważi impossibbli nikkomunika miegħek. Nisma' wisq kliem il-bnedmin. Għallimni nisma' wisq iżjed Kliemek. Ammen.

7. IT-TIENI PARTI TA' INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LIL ĠUŻEPPI

A. Ġużeppi kellu diversi dehriet minnkom l-anġli. X'hemm komuni fl-imġieba tiegħu?

B. Iva, in-nies l-iktar li jafu u jiftakru hi t-tħabbira li saritlu meta l-Mulej bagħat jispjegalu li dak li kien qed jiġri f'Marija, kien qed iseħħ bis-sehem ta' l-Ispirtu s-Santu (Mt 1, 18-21). Imma tlett darbiet oħra deherlu Anġlu tal-Mulej. U dejjem bil-lejl, fil-ħolm. Darba deherlu Anġlu biex igħidlu jaħrab lejn l-Eġittu, għax Erodi ried joqtol lil Ġesu' (Mt 2, 13-15). Anġlu ieħor deherlu biex jgħidlu li miet Erodi, u seta' jirritorna f'Israel (Mt 2, 19-21). Imbagħad deherlu ieħor, u mar Nażaret (Mt 2, 22-23). Dejjem ġab ruħu bl-istess mod: ibaxxi rasu għal dak li jkun bagħat il-Mulej permezz ta' l-Anġli u jobdi immedjatament, bla tnikkir u bla tgergir. Veru bniedem ta' fidi kbira.

A. Mela Ġużeppi jagħtina tagħlima kbira dwar l-attitudnijiet tagħna bnedmin ta' llum!

B. Għedtha int stess. Fi żmien bħal tagħkom, meta Alla hu imġenneb, disprezzat, minsi, emarġinat, l-eżempju ta' Ġużeppi hu ta' l-ikbar qawwa. Kuntrast kbir ma' Adam, li ġenneb 'l Alla għax sema' mit-tfesfis tax-xitan, u uża ħażin l-intelliġenza li taħ il-Mulej innifsu. L-estremi. Adam iiġenneb 'l Alla, u Ġużeppi jpoġġi lil Alla fiċ-ċentru ta' kull deċiżjoni tiegħu. Adam beda soċjeta mimlija konfużjoni u gwaj. Ġużeppi bena familja fejn saltnu s-serenita' u l-għaqda. Agħmel kull ma tista' biex terġa' ddaħħal lil Alla fiċ-ċentru tal-ħajja tiegħek, tal-familja tiegħek u tas-soċjeta' ta' madwarek.

A. Mulej, erġa' għallimni niskopri l-għerf tal-kmandamenti tiegħek u tal-viżjoni Tiegħek tal-ħajja. Irrid nafdak f'kollox. Ma rridx li d-dinja tbegħedni minnek. Għinni niftakar iżjed fik, speċjalment bħalissa li qed niċċelebraw l-Inkarnazzjoni. Ammen.

8. INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI DEHER LIR-RAGĦAJJA

A. Kif ħadu l-messaġġ tiegħek, f'dak il-lejl speċjalissmu tal-Milied, ir-ragħajja ta' Betlehem (Lq 2, 8-20).

B. Naturalment hux, quddiem il-misterjuż bdew bil-biża. Imma spiċċaw b'ferħ, entużjażmu u determinazzjoni. Lili laqtuni erba' affarijiet fir-reazzjoni tagħhom. L-ewwelnett bdew iħeġġu lil xulxin biex imorru jiskopru lil Ġesu'. U tagħhom ma kienx biss diskors tal-mument. Għax fil-fatt telqu jgħaġġlu: sinjal ta' interess u entużjażmu. Bla tnikkir, bla proponimenti li fil-fatt ma seħħux. Fittxew lil Ġesu', u skoprewh, ma' Marija u Ġużeppi. X'kien ir-riżultat? Riżultat doppju. Sentimenti ta' ringrazzjament u tifħir lil Alla, sens ta' urġenza biex jaqsmu l-esperjenza tal-fidi tagħhom ma' kull min iltaqgħu.

A. Kif nistgħu nimitaw dawn l-attitudnijiet tagħhom, aħna li qed ngħixu l-fidi fit-tielet millenju?

B. Sempliċi ħafna. Aqbdu l-erba punti li semmejtilkom jien, u ssibu mudell għall-ħajja spiritwali u għall-apostolat tagħkom. Ibdew billi tkunu komunita' fejn tħeġġu lil xulxin b'kull mod fl-iskoperta ta' Ġesu', speċjalment f'dis-Sena tal-Fidi. U dan għamluh b'ħafna konvinzjoni u entużjażmu. Lil Ġesu' ma tiskoprihx b'nofs qalb u b'mezzi miżuri. Jekk tfittxu b'serjeta' u ħeġġa, tiskoprih żgur. Imbagħad jikber fik sens ta' gratitudni lejn Alla, u sens ta' evanġelizzazzjoni qawwi. Skoperta fantastika ma tistax iżżommha għalik waħdek. Jekk tiskopri lil Ġesu' tkun trid taqsmu ma' l-oħrajn. Hekk tikber fil-fidi.

A. **Mulej, kemm nixtieq li ninqala' mit-telqa spiritwali tiegħi! Kemm nixtieq li nfittxek u nsibek tassew. U ma rridx inżommok għalija biss, imma rrid inressaq ħafna oħra lejk. Għinni ngħix fil-verita dal-proponiment li nagħmel ta' spiss. Ammen.**

9. INTERVISTA MA' L-ANĠLU LI KANTA L-GLORJA MA' SĦABU

A. Ara kemm kantajtu sabiħ, dawk l-anġli kollha, f'dak il-lejl tas-skiet u qaddis! X'kien il-messaġġ tagħkom?

B. Intom bdejtu din-Novena bil-Liturġija, għax ftakartu f'Żakkarija, li sieħbi Gabriel deherlu waqt li kien qed jiċċelebra l-Liturġija fit-Tempju. U sa tispiċċawha b'forma oħra ta' Liturġija: mhux mill-bnedmin, u mhux fit-Tempju, imma minna l-Anġli, fil-beraħ tas-Smewwiet. Il-Kant tagħna kien att ta' qima u tifħir lill-Mulej, minsuġ f'innu ta' verita' kbira. Lil Alla jixirqulu biss tifħir u glorja, għax hu waħdu qaddis, hu waħdu kbir, hu waħdu qawwi. U jsib paċi biss min jogħġob u jaqdi lilu. Bniedem u soċjeta' li jibnu ambjenti mimlija b'Alla, ikunu qed jibnu l-paċi f'qalbhom u madwarhom.

A. Aħna, li maħniex Anġli, nistgħu nagħmlu xi ħaġa bħalma għamiltu intom f'dak l-aqwa lejl ta' l-Istorja tal-bniedem?

B. Mhux tistgħu! Għandkom! Ħajjietkom għandha tkun innu ta' tifħir u ringrazzjament lil Alla, u messaġġ ta' paċi lil ħutkom il-bnedmin. Kull ma tagħmlu, agħmluh biex tagħtu glorja 'l Alla, u biex tgħinu lill-bnedmin u lis-soċjeta jiksbu l-Paċi. Lil Alla kantawlu b'ferħ, speċjalment meta tkunu miġburin flimkien għal-Liturġija. Iżżommux ħalqkom magħluq. Tħallux il-kant għal xi ftit oħrajn. Hu privileġġ tagħkom li tfaħħru lill-Mulej bil-kant. Imbagħad qisu li ddaħħlu 'l Ġesu' u l-prinċipji tal-Vanġelu fil-ħajja tas-soċjeta, għax b'hekk tkunu qed tagħtuha l-ikbar kontribut b'risq il-Paċi, li d-dinja dejjem tfittex imma rari ssib.

A. Mulej, grazzi tal-messaġġi kollha li tawna l-Anġli f'dawn il-ġranet tan-Novena. Ħadna gost nisimgħuhom. Għinna ngħaddu mill-paroli u x-xewqat sbieħ, għall-fatti u l-azzjonijiet. Agħtina Milied mimli bik u bil-Paċi tiegħek. Ammen.